**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Kongunt nru: 430/18 AGV**

AB u CB

Vs

X

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fl-20 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-8 ta' Dicembru, 1990 fil-Knisja ta' Lapsi, San Giljan (vide certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok.MR-1) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied u cioe' D li twieled fl-20 ta' Mejju, 1991 u E li twieled fil-5 t' Awissu 1995, liema ulied huma llum maggorenni.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Elena Farrugia datat il-25 ta' Awissu, 2008.
3. Illi m'hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti f'dan l-istadju, la favur l-ulied u l-anqas favur il-mara jew ir-ragel, stante illi l-kundizzjonijiet hekk elenkati fil-kuntratt

ta’ separazzjoni, kopja ta’ liema qiedgha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok.MR-2, kollha gew irrispettati;

4. Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn tnax-il (12) sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant, il-partijiet umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat l-affidavit kongunt tal-partijiet fejn ikkonfermaw li kienu zzewwgu fit-8 ta’ Dicembru, 1990 fil-Knisja ta’ Lapsi, San Giljan u kienu sseparaw legalment fil-25 ta’ Awissu, 2006, fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia.

Jikkonfermaw li uliedhom illum huma maggorenni u ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-manteniment , kienu qablu fil-kuntratt ta’ separazzjoni u rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta’ xulxin.

Jikkonfermaw ukoll li ilhom ighixu separati ghal aktar minn tnax-il sena u ghandhom hajja separata u ma hemmx cans ta’ rikonciljazzjoni.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li l-kontendenti rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvaw illi l-partijiet isseparaw legalment skond kuntratt redatt min-Nutar Dr. Elena Farrugia datat 25 t'Awissu, 2006. Jikkonfermaw ukoll li ma kienx hemm problem ta' manteniment.

Jirrizulta ukoll li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**